MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Numru 139/2013

Il-Pulizija
(Spettur Sylvana Briffa)

vs

Jesmond Cassar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra l-imputat ta’ karta tal-identita’ numru 509274M, akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, matul il-perjodu ta’ bejn l-22:30 ta’ filghaxija tat-3 ta’ Frar 2013 u l-15:15 ta’ wara nofsinhar tal-4 ta’ Frar 2013:

1. ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBP174, u oggetti ohra liema serq li huwa kwlaifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-€2,329.37, bil-persuna, bil-lok, bil-hin, u bin-natura tal-haga misruqa sar ghad-detriment ta’ Anthony Borg minn Bormla u/jew persuni ohra.

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra u cioe' l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBP174, liema ammont huwa ta' aktar minn €2,329.37, liema vettura giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' Anthony Borg minn Bormla, u/jew persuni ohra.
3. fl-istess data, lok, u cirkostanzi rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikli 40, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' skont il-Ligi jogghobha tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjoni fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Kellhom x'kellhom ikunu l-akkuzi, l-imputat ammettihom u baqa' jinsisti f'din l-ammissjoni tieghu b'hekk li ghamilha volontarjament u inkondizjonatament.
Fic-cirkostanzi l-Qorti anka bi qbil tal-prosekuzzjoni u d-difiza, u wara li rat l-Artiklu 261(b)(c)(d)(e)(f)(g), 264, 267, 268(b), 270, 271(g), 278(3), 279(b), 49, 50, 289, 17, u 31 tal-Kap 9.

Issibu hati u bhala piena tapplika l-Artiklu 7 tal-Kap 446 billi tpoggih taht il-harsien tal-ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum, fost il-kundizzjonijiet marbuta mal-probation li jaghmel test tad-demm u l-urina kull hmistax taht is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation u jobdi skrupolosament kull direttiva tal-ufficjal tal-probation.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tiegħu skont is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------